DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 161784** **17.08.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***"B'Parlament nazzjonali issa awtonomu, se nkomplu naħdmu biex insaħħu t-trasparenza parlamentari"- l-Ispeaker Anglu Farrugia***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia dalgħodu sejjaħ konferenza stampa fejn informa lil dawk preżenti illi l-Parlament għandu l-faċilità ta' *studio* fejn se jkunu jistgħu jinżammu diskussjonijiet relatati mal-ħidma tad-demokrazija parlamentari u attivitajiet oħra, u li permess ta' dan, il-Parlament ikun dejjem eqreb lejn il-poplu kollu Malti, u dan bl-aktar mod trasparenti.

"B'Parlament nazzjonali issa awtonomu, se nkomplu naħdmu biex insaħħu t-trasparenza parlamentari hekk kif dan qiegħed jiġi meqjus bħala pass importanti f'dik li hija trasparenza fl-operat ta' l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u għaldaqstant ċertament żvilupp importanti għad-demokrazija Parlamentari" tenna jgħid l-Ispeaker Anġlu Farrugia.

Għat-tnedija kienu preżenti l-Whip tal-Gvern Godfrey Farrugia, l-Whip tal-Oppożizzjoni David Agius u l-Iskrivan tal-Kamra is-Sur Ray Scicluna.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775

**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**